# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

# MINUTI

## SEDUTA NRU 240 – Il-Tlieta 20 ta' Diċembru 2011

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju temporanju tiegħu, Ċentru Azzjoni Kattolika, Triq il-Parroċċa, is-Siġġiewi, fis-7:00p.m. Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci ippresieda.

### PREŻENTI
Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera s-Sinjura Rita Psaila
IL-Kunsillier Joe Sammut
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### ASSENTI SKUŻAT
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva komunikat mingħand il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo li jgħid li kien jinsab indispost u ma setax ikun preżenti.

### TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI
Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta numru 239 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 2. PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI NRU 239

**2.1** ***Law Enforcement System***
Il-Viċi-Sindku qal li hu ressaq il-proposta ippreparata minnu lill-Kumitat Reġjonali. Wara diskussjoni li saret f'dan il-Kumitat, sar qbil li se jsir kwestjunarju fejn kull kunsill jgħid liema huma z-zoni fejn irid il-gwardjani lokali, ir-rotot u l-ħinijiet.

Is-Sindku ippropona li kull kunsillier jista' jghaddi l-proposta tiegħu lill-Viċi-Sindku biex dan min-naħa tiegħu ikun jista' jfassal il-kwestjunarju għan-nom tal-Kunsill. Dan il-kwestjunarju għandu jintbagħat lill-Kumitat Reġjonali sal-aħħar tas-sena. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel unanimament.

**2.2 Proġett tal-Għolja**

Il-Viċi-Sindku qal li kien tkellem mal-Perit u kompla jgħid li fi-ċirkustanzi m'għandux jitwaqqaf il-proġett u għalhekk ippropona li għandu nipproċedu bil-ħlas tad-*Development Permit Fee*. Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**2.3 Bollard fi Triq Manwel Bonnici**

Is-Sindku qal li kien irċieva ittra mingħand resident fl-istess triq dwar din il-materja u s-Segretarju Eżekuttiv qal li kienu daħlu ħames ilmenti kontra din il-proposta. Huwa kompla jgħid li huwa flimkien mal-kunsilliera Rita Psaila u Nicholas Cassar żaru s-sit akkumpanjati mill-Perit David Vassallo. Dan tal-aħħar qal li biex tkun tista; tintlaqa' t-talba tas-sinj. Marsden trid issir talba lill-MEPA. Bħala alternattiva, huwa issuġġerixxa li t-triq issir *one-way* u fit-tarf fejn tidjieq it-triq isiru *bollards* speċifiċi biex b'hekk jimminizzaw l-aċċess ta' vetturi kbar.

Is-Sindku qal li sa seduta oħra l-Perit Vassallo għandu jifformalizza dan il-pjan biex tittieħed deċiżjoni dwaru.

**2.4 *Bus shelter* fil-pjazza**

Wara li din il-materja reġgħet ġiet diskussa, sar qbil li l-Kunsill għandu jiltaqa' on site mal-Perit biex issir diskussjoni dwar kif għandha tinbidel il-bankina ħalli tkun tista' ssir l-applikazzjoni ma' Transport Malta għall-*bus shelter.*

# 3. FINANZI

**3.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondiet. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:
Voti Favur: 5
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

# 4. KORRISPONDENZA

**4.1 Skema ta' Finanzjament għal restawr ta' postijiet storiċi żgħar**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din l-iskema hija intiża biex postijiet storiċi żgħar jiġu restawrati mill-Kunsill Lokali. Il-Viċi-Sindku ippropona li għandna napplikaw biex jiġu restawrati l-istatwa ta' San Pawl fi Triq il-Parroċċa, u xi statwa oħra li hu lest li

jidentifika aktar 'il quddiem. Huwa ippropona wkoll li jiġi kkuntatjat il-perit Julian Borg biex iħejji l-estimi tax-xogħolijiet.

Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel unanimament.

**4.2 Marie-Louise Coleiro Preca dwar każ fi Triq Ħal Farruġ**

Din il-korrespondenza tikkonċerna persuna li għandu l-għelieqi f'din it-triq u kull meta jkun hemm l-Airshow isofri numru ta' danni. Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jkkkomunika mal-organizzaturi tal-airshow u jisħaq magħhom biex dawn jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex dan l-inkonvenjent ma jirrepetiex ruħu.

## 5. ĊENTRU ĊIVIKU

Il-Viċi-Sindku qal li l-konferenza stampa mis-segretarji parlamentari Dr Jason Azzopardi u Dr Chris Said saret fil-ġurnata ta' qabel.

Huwa kompla jgħid li issa li tlestiet is-sistema tad-drenaġġ u se tingħata l-art bil-konkos, is-saqaf mistenni li jitwaħħal fl-ewwel ġimgħa ta' Jananr.

Żvilupp ieħor jikkonċerna l-ġbir tal-ilma tax-xita f'ġiebja li diġà teżisti bil-possibiltà li dan l-ilma jintuża għall-*flushings,* eċċ.,

Sar ukoll ftehim mal-awtoritajiet tas-Saħħa biex il-meter tad-dawl tal-Berġa jgħaddi għand il-Kunsill.

Il-Viċi-Sindku qal li saru diversi xogħolijiet żejda li ma kinux inkużi fil-pjati oriġinali fosthom l-għoti bil-konkos tal-art tal-bitħa. Dawn ix-xogħlijiet jinkwadraw tajjeb fil-*budget* tal-proġett.

Huwa ħabbar li matul il-ġimgħa l-oħra l-Kunsill ingħata s-somma ta' €10,000 bħala parti mill-iskema għal aktar aċċessibiltà fil-Kunsilli Lokali. Din se tintuża biex tnaqqas l-ispiża tal-lift.

Il-Viċi-Sindku kompla jgħid li għandna nibdew inħejju għall-inawgurazzjoni u ippropona li huwa jħejji programm tentattiv kif ukoll jistieden lill-Prim Ministru għal dan l-avveniment.

Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6 HWEJJEĠ OHRA

**6.1 Bollards f'Għar Lapsi**

Wara li fil-laqgħa tal-lokalità inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-periklu li qed joħolqu l-vetturi li jidħlu fuq Lapsi Park, il-Kunsillier Jesmond Tanti ippropona li jsiru bollards u jingħalaq l-aċċess kompletament.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.2 Sinjali direzzjonali tat-traffiku fil-Pjazza**

Il-Viċi-Sindku ippropona li għandna nitolbu lil Transport Malta biex nagħmlu sinjali biex jidderieġu t-traffiku li jkun ġej minn Triq il-Knisja l-Qadima u Triq San Ġakbu biex iduru ma' San Nikola. Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.3 *Dustbins* ħdejn il-Limestone Heritage**

Il-Viċi-Sindku ippropona li għandhom jiżdiedu d-*dustbins* ħdejn il-*Limestone Heritage* fi Triq Mons M. Azzopardi. Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondiet u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.4 Kunsill Lokali Żgħażagħ**

Il-Viċi-Sindku qal li dan il-Kunsill qed jiltaqa' regolarment u ippropona li nilqgħu t-talba tagħhom li jqassmu kwestjonarju fid-djar kollha tal-lokalità. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.5 Fanali Dekorattivi**

Kemm il-Viċi-Sindku kif ukoll il-Kunsillier Nicholas Cassar qalu li jidher li jonqos xi fanali fi Triq l-Imdina u Triq Ramija rispettivament. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li se jiddelega lill-*Works Manager* biex iħejji rapport tal-fanali li jonqos biex inkunu nistgħu nagħmlu talba oħra mal-UIF.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci iddikjara din is-seduta magħluqa fit-8:30pm u ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **nhar il-Ħamis 12 ta' Jannar fis-6:00pm** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

**Il-Perit Robert Musumeci**
**Sindku**

**Is-sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tlieta 20 ta' Diċembru 2011**

APPROVAL OF PAYMENTS
Financial year 2011

| DETAILS | DEBIT | CREDIT |
|---|---|---|
| skips | | 1.16 |
| skips | | 1.16 |
| trenching permits | | 2.33 |
| skips | | 3.48 |
| skips | | 3.48 |
| cranes 3018-3019 | | 4.66 |
| parking metres | | 6.96 |
| cranes 3001-3003 | | 6.99 |
| cranes 3004-3005 | | 6.99 |
| cranes 3006-3009 | | 9.32 |
| cranes 3020-3022 | | 9.32 |
| cranes 2996-3000 | | 11.65 |
| cranes 2990-2995 | | 13.98 |
| cranes 3027 | | 16.31 |
| outing 30/11/11 | | 16.50 |
| cranes 3010-3017 | | 18.64 |
| cranes 3023-3033 | | 23.30 |
| cranes 2980-2989 | | 25.63 |
| lifelong learning | | 34.94 |
| wsc - trenching nov11 | | 34.95 |
| outing 30/11/11 | | 44.00 |
| outing 30/11/11 | | 60.50 |
| lifelong learning | | 69.88 |
| outing 30/11/11 | | 104.50 |
| lifelong learning courses | | 139.76 |
| outing 17/12/11 | | 163.00 |
| outing 17/12/11 | | 188.00 |
| cash deposited against chq 8679 christmas lunch | | 230.00 |
| outing 7/12/11 | | 276.00 |
| filming donation | | 350.00 |
| access point - it agreement dec11 inv2226 | 236.00 | |
| akl - laqgha kunsilliera 3/12/11 jesmond tanti chq8628 refers | 50.00 | |
| alex camilleri - pc nov11 inv54 | 847.43 | |
| antonia aquilina - attendance library nov11 22hrsx5.86 | 128.92 | |
| arms - electricity dr a. fenech 24/6/11-20/9/11 | 48.87 | |
| arms - electricity dr n zammit pf 24/6/11-19/9/11 | 77.67 | |
| arms - electricity dun anton vella 24/6/11-20/9/11 | 100.80 | |
| arms - water consumption offices ZAK 9/7/11-8/9/11 | 24.18 | |
| avantech - toner photocopier tax only inv150350 | 5.50 | |
| banda san nikola - banda wirja agrarja 12/6/11 inv489 | 250.00 | |
| baystreet hotel - outing 30/11/11 inv2674 | 168.00 | |
| cassie camilleri - clerikal work saturdays nov11 16hrsx7.2 | 115.20 | |
| central asphalt - cold asphalt for patching nov11 | 3984.01 | |
| centre region - les invoice nov11 | 66.39 | |
| charles bonello - 2 vazi 6"x4" inv12 civic centre | 413.00 | |
| cir - nov11 | 1653.24 | |
| doi - advert tender lcs17/10, festa majjali | 18.64 | |
| don berto - christmas lunch 11/12/11 | 296.05 | |
| go - 21462946 nov11 | 21.19 | |
| go - 21465799/21465805 nov11 | 218.54 | |
| go - 21466000 nov11 | 21.05 | |
| go - internet connection dec11 | 34.94 | |
| go- 21468874 nov11 | 43.32 | |
| grace mizzi - cleaning council premises nov11 28hrsx4.66 | 130.48 | |
| homemate - paint for apertures civic centre | 102.83 | |

sed 240-20/12/2011
final

APPROVAL OF PAYMENTS
Financial year 2011

| | | |
|---|---|---|
| j.gatt - cm fee oct11 | 800.02 | |
| j.gatt - supervisor of works Nov11 | 1139.28 | |
| jason sciberras - building of wall civic centre inv78 | 1125.09 | |
| john borg - 112 slabs for repair benches po113/11 inv154 | 982.00 | |
| john borg - maintenance /varnish of benches po113/11 inv154 | 800.06 | |
| klikk - expernal drive inv5644 | 98.00 | |
| klikk - ink cartridges inv5658 | 181.00 | |
| kumitat kongunt - les nov11 invcjc389 | 710.09 | |
| lcd - advert tender lcs17/10 | 50.00 | |
| m.sammut - 2 poinsiettas inv91 | 7.00 | |
| maltapost - development permit fee progett salib ta' l-gholja | 3975.90 | |
| milord - cleaning non urban nov11 inv263 | 3753.46 | |
| mita - support service icw changing pc inv1077703 | 37.52 | |
| msd - traffic signs job 9101 inv15717 | 893.00 | |
| n.baldacchino - petrol expenses dec11 | 93.00 | |
| n.gatt - updating website nov11 inv15 | 60.00 | |
| nexos - 15 decorative lanterns inv201083 | 11100.00 | |
| nexos - repair street lighting inv2010233 | 2064.71 | |
| north region - les invoice nov11 | 39.59 | |
| p.cutajar - 2 boxes coffee inv591860 | 86.00 | |
| piscopo - 10 olive trees po109/11 inv1301 | 99.00 | |
| piscopo - 2 pots festone 95cm po109/11 inv1301 | 340.00 | |
| police - service festa majjali 11/12/11 inv36741 | 265.57 | |
| r.psaila - tokens icw outing 30/11/11 | 68.00 | |
| raymond attard - ss nov11 inv2720 | 3538.25 | |
| salaries nov11 | 4503.70 | |
| schembri - transport outing 20/10/11 inv5/11/11 | 94.40 | |
| smart - cleaning material inv13027576 | 116.92 | |
| smart - stationery laminating pouches 4 pks po106/11 inv13027071 | 70.33 | |
| south eastern region - les invoice nov11 | 32.61 | |
| south region - les invoice nov11 | 157.22 | |
| subculture animal friends - ktejjeb harsien ta' l-annimali lcs9/97 | 100.00 | |
| vcfs - architectural fees civic centre inviv005 | 4330.60 | |
| vodafone - 99491670 nov11 | 55.29 | |
| vodafone - 99762218 nov11 | 92.70 | |
| wasteserv - allocated msw waste april11 inv9396 | 2977.16 | |